MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 160/2004

**Edward Cassar**

**vs**

**Ignatius Licari noe et**

**Il-Qorti.**

Rat il-verbal tal 4 ta' Gunju 2004 a fol 82;
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Fatti u Kontestazzjoni**

Illi kienet saret talba quddiem dina l-Qorti diversament presjeduta biex dina l-kawza tinstemgha quddiem dika l-Qorti ma kawza ohra li skond il-konvenut hija fuq l-istess mertu. Dika t-talba kienet intlaqghet (ara nota ta' Ignatius Licari tal 15 ta' Gunju 2004).

Illi l-attur, li ma hux parti f'dika l-kawza, qed jopponi li dina l-kawza tintbaghat quddiem dina l-Qorti diversament presjeduta (ara verbal) billi l-art hija differenti u ma gietx trasferita mill-istess partijiet.

Illi jirrizulta mill-provi li meta saret it-talba ghall konnessjoni ta' dina l-kawza mal-kawza l-ohra l-attur odjern la kien parti f'dika l-kawza u lanqas ma gie notifikat biex jaghti l-veduta tieghu. It-talba intlaqghet bla ma huwa kien jaf.

Illi l-konvenut qed jirritjeni li l-kawza l-ohra hija fuq l-istess mertu, izda prova f'dan is-sens ma ngabitx.

Skond l-artikolu 792 tal-Kap 12 "Meta titressaq kawza quddiem Qorti kompetenti, <u>wara</u> li tkun tressqet kawza ohra fuq l-istess oggett quddiem Qorti kompetenti ohra, l-kawza mressqa l-ahhar <u>tista'</u> tigi mibghuta lil dina l-Qorti l-ohra." Biex ikun jista' jsir dana

1. Il-kawza trid tkun bejn l-istess partijiet u dawn ikunu qed jagixxu fl-istess kwalita' - *eadem personae*;

2. Irid ikun hemm - *eadem res*;

3. It-talbiet irid ikollhom l-istess talba - *idem ius, easdem causa petendi* u dawn iridu jirrizultaw "*ictu oculi*"

Balzan vs Argento et 1.2.90 Vol LXX1V p3 p 429; Reznikow et vs Kotivov 24.3.94 Vol LXXV111 p3 p 170;

Fil-kaz in ezami dawn l-elementi ma jikkonkorrux ghal kollox u ictu oculi. L-attur m'ghandux konnessjoni jew interess fil-kawza l-ohra.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa l-oggezzjoni ta’ l-attur
u tordna l-kawza tkompli tinstemgha quddiem dina l-Qorti kif preseduta.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------